MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 58/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jifformaw is-syndicates bin-numri 1245, 510, 807 u 727 u Rausi Insurance Agency Limited u James Sciberras**

**Vs**

**Joseph Gatt**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm308 (tlett mija u tmien liri Maltin) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"I was driving along Triq Markiza Bugeja and as I was going to emerge into St. Paul's Street van reg. IBC 679 which was in St. Paul's Street reversed and collided onto my front."

James Sciberras qal:

"I was stationery in St. Paul's Street near Sirens Bar facing the church when suddenly van number ABF 754 emerged in St Paul's Street from Triq Markiza Bugeja and collided onto the rear of my van."

Ra x-xhieda ta' John Tabone li huwa l-Claims Manager mas-socjeta' attrici fejn jghid illi l-vettura ta' Sciberras hija assigurata mad-ditta Rausi Insurance Agency Limited u jikkonferma li huma hallsu Lm380 (tlett mija u tmenin lira Maltin) ta' dan l-incident.

Ra x-xhieda ta' Mario Cumbo li huwa Surveyor mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma illi l-vettura ta' Sciberras li kienet assigurata mas-socjeta' attrici kellha hsara fuq il-lemin fuq wara. Il-karozza tal-konvenut kellha hsara fuq il-lemin quddiem. Il-Peugeout kellha hsara fix-xewka.

Ra x-xhieda ta' PS 839 Stefan Micallef fejn jghid illi jiftakar li Sciberras kien qallu li kien se jirriversja. Jghid li Triq Markiza Bugeja hija *one way* fid-direzzjoni tal-knisja izda dakinhar kienet miftuha.

Ra x-xhieda ta' James Sciberras fejn jghid li dakinhar ta' l-incident kien qed jaghmel *deliveries* ta' affarijiet tal-*grocer* u waqaf naqra 'l isfel mill-knisja. Jghid illi t-triq kienet maghluqa billi kien hemm vann qed jirranga fuq il-bozoz tal-pjazza. Sciberras jghid illi kien hemm karozzi pparkjati

wara xulxin fuq il-lemin tat-triq fuq il-lemin tal-Peugeout kif ukoll l-istess triq kienet imbarrata w allura ma setgha jghaddi hadd fid-direzzjoni ta’ St. Paul’s Bay Church.

Jikkonferma illi bilfors kellu jmur lura. Meta ghadda sabiex jaghmel id-*delivery* jghid illi ghamlu l-*cones* warajh.

Minhabba li ma setax jibqa’ sejjer fid-direzzjoni tal-knisja qal lil huh li kien *seat passenger* mieghu biex inehhi l-*cones* minn warajh. Jghid illi kif skapola lil huh bil-*cone* stennieh sabiex jirkeb u kien f’dak il-waqt meta sema’ hoss tal-habta. Jikkonferma li dak il-hin kien wieqaf. Meta Sciberras nizel mill-karozza jghid li l-konvenut qallu li ma kienx jaf li dik it-triq kienet *one way*. Jghid li hu halla spazju minfejn tghaddi karozza ohra. Jaqbel ma’ l-iskizz.
Ra x-xhieda ta’ Silvio Sciberras li jigi hu James Sciberras fejn jikkonferma li qal huh. Fil-kontro-ezami jghid illi l-*cones* kienu xi tletin jew erbghin metru ‘l boghod mill-vann ipparkjat fejn ghamlu *delivery*. Jghid illi l-attur irriversja minfejn waqfu sal-*cones*. Ma jaqbilx li kif waqfu saret il-habta, jghid illi kien hemm ftit sekondi bejn x’hin waqfu u grat il-habta. Jaqbel li fejn waqaf James Sciberras kien qed jokkupa parti mill-wisa’ tat-Triq Markiza Bugeja.

Ra x-xhieda ta’ Samuel Schembri li kien *front seat passenger* mal-konvenut meta grat il-habta fejn jghid illi dakinhar huma kienu sejrin faccata li tigi *opposite* Triq Markiza Bugeja u mhux fid-direzzjoni ta’ St. Paul’s Church. Jghid illi l-konvenut waqaf fil-kantuniera, ra jekk kienux gejjin xi karozzi u mbaghad beda jsuq. Schembri jghid illi dak il-hin karozza Peugeout irriversjat ghal fuqhom. Jaqbel ma’ l-iskizz.

Fil-kontro-ezami jghid illi l-*cones* kienu lejn ‘il quddiem tal-Peugeout.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Gatt fejn jikkonferma l-istess haga li qal Samuel Schembri u jzid illi ra lill-Peugeout wieqfa u ghalhekk la ma kienux gejjin karozzi Gatt qasam biex jidhol fit-triq ta’ faccata.

Jghid illi kif beda jaqsam, il-vann qabad u rriversja u saret il-habta. Wara l-habta jghid li James Sciberras hareg mid-*driving seat* kif ukoll huh mill-*passenger seat*. Jaqbel ma' l-iskizz izda jghid li l-*cones* kienu aktar 'il quddiem mill-Peugeout lejn id-direzzjoni ta' St. Paul's Church.

Jikkonferma li wara l-incident ma kien qal xejn fuq l-ebda triq *one way*.
**Ikkunsidra**

L-attur James Sciberras qal li kien qed jirriversja u kif ghadda minfejn il-*cone*, huh (li kien barra mill-karozza) rega' pogga l-*cone*. Sciberras qal li f'dak il-hin hu waqaf u stenna lil huh biex jirkeb. Kif rikeb sema' l-hoss tal-habta.

Hu l-attur ikkonferma li l-attur waqaf sabiex jitla' hu u f'dak il-mument il-konvenut hareg minn gos-*side street* u habat go fihom.

Il-konvenut qal li gie biex jaqsam it-triq waqaf u ra li kien hemm il-vettura ta' l-attur wieqfa. Hu beda jaqsam u l-vann irriversja u habat go fih. Samuel Schembri kkonferma din il-verzjoni.

Illi dan it-Tribunal jrid jara jekk l-atturi gabux bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi r-regolament 67 tal-MVR jipprovdi:

"No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or to other vehicles on the road."

Fil-kawza **Il-Pulizija Vs J. Aquilina (Qorti Kriminali 12/3/1961)** saret referenza ghas-sentenza tal-Corte di Cassazione ta' l-Italja fejn gie ritenut:

"La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell'autoveicolo or per altra causa, no e' in grado di

vedera tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra."

Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri (PA 11/7/1996)** gie ddikjarat li *driver* miexi b'lura ghandu b'mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

Illi l-konvenut bla dubju kellu jassigura li setgha johrog ghal fuq il-*main road* minghajr ma jostakola l-vetturi fuq il-*main road* u kellu wkoll izomm *a proper lookout*. Ghalhekk dan it-Tribunal irid jara jekk hija kredibbli l-verzjoni ta' l-attur li jghid li kien waqaf biex jistenna lil huh u l-konvenut baqa' diehel ghal go fih. Jew hu iktar verosimili l-verzjoni tal-konvenut li l-attur baqa' jirriversja ghal go fih. Illi m'hemmx indikazzjonijiet bizzejjed ghal dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-attur kien waqaf qabel il-habta u l-konvenut baqa' diehel go fih. L-attur kellu jsuq bir-*reverse* ghal bicca zghira u jzomm il-huh barra mill-karozza fuq wara jew kellu jipprova jdur qabel. Zgur ma kellux jieqaf fil-*crossroads* izda qabel il-*crossroads*. F'dan il-kaz l-attur ma gabx bizzejjed provi biex juri li kien waqaf qabel il-habta.

Il-konvenut izda kellu l-obbligu li jzomm *a proper lookout* u jara dak kollu li kien qieghed jigri fuq il-*main road*. Il-konvenut jghid li nduna bil-vettura ta' l-attur izda ma ndunax bil-*cones* li kien hemm fit-triq. Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut naqas li jzomm *a proper lookout* meta hareg mis-*side street* u ghalhekk ghandu jigi tenut responsabbli in parte ghall-incident. Illi dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut ghandu jehel nofs it-tort ta' l-incident.

Illi d-danni ma gewx ikkontestati.

Ghalhekk it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm154 (mija w erbgha u hamsin lira Maltin) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------